# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 15/2002GT(GM)

**Mario u Violet konjugi Camilleri**

**vs**

**Lawrence Borg**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Peress illi fid-9 ta' Gunju 2001 ghal habta tat-8.30a.m., l-attrici Violet Camilleri kienet qieghda issuq vettura FBH 521 tat-tip Hyundai Accent u kienet qieghda tipprocedi matul Triq l-Imgarr, fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex lejn id-direzzjoni tal-Universita' u kienet qieghda tipprocedi bi speed baxx u fuq in-nahha taghha tal-karreggjata.**

**Peress illi l-konvenut kien isuq truck HAP 981 fl-istess direzzjoni mar jaqla' l-vettura tal-attrici bil-konsegwenza li spicca l-barra mill-linja kontinwa u biex jerga' jidhol fuq sajdu rekken il-vettura tal-attrici bir-rizultat li habat maghha bil-bumper ta' quddiem tat-truck u investa l-vettura tal-attrici fuq in-nahha ta' wara tal-lemin bil-konsegwenza li l-attrici spiccat fuq il-konkrete li hemm fil-genb tat-triq.**

**Peress illi ghalhekk ghall-istess incident, huwa responsabbli unikament il-konvenut.**

**Peress illi minhabba l-istess incident, l-attrici soffriet tlett mija u tlieta u tmenin lira u tmienja u dishgin centezmi (LM 383.98c0m) skond rendikont u ircevuti hawn annessi u markati Dokumenti A, B, C, D, E, F.**

**Jghid l-istess konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex (1) tiddikjarah unikament responsabbli ghal-incident hawn fuq imsemmi (2) tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u**

**tlieta u tmenin lira u tmienja u disghin centezmi (Lm 383.98c0m), danni minnhu kkagunati.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Settembru 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek. Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.**

**Ra r-risposta:**

**"Billi ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza kienet responsabbli l-attrici Violet Camilleri li ttentat surpass minn gewwa."**

**Sema' x-xhieda u d-dokumenti sottomessi mill-partijiet kontendenti**

**Ikkunsidra**

**Illi l-partijiet jaqblu li l-attrici kellha light-car filwaqt li l-konvenut kellu trukk bil-bowser tal-ilma u li dawn qabel l-incident inizjalment kienu waqfu quddiem it-traffic lights iharsu fid-direzzjoni tal-Imgarr, Ghawdex, hdejn xulxin, bl-attrici fuq il-karreggjata ta' gewwa u l-konvenut f'dik ta' barra. X'hin inghataw il-green light, iz-zewg vetturi komplew fi triqthom lejn id-direzzjoni tal-Imgarr. Mil-lights safejn sehh l-incident hemm cirka mitejn pied u tulhom il-karreggjata tidjieq bil-mod il-mod tant li fil-parti fejn sehh l-incident ma jistghux jghaddu zewg karozzi normali magemb xulxin fl-istess direzzjoni minghajr ma jhokku ma' xulxin. Inqas u inqas jistghu jghaddu bowzer wiesa cirka 2.1 metri u karozza.**

**L-attrici ssostni li mal-bdil tat-traffic lights, hija qalghet l-ewwel u li t-trakk spicca warajha, u li l-kollizjoni sehhet meta t-trakk ghamel manuvra ta' sorpass fil-parti dejqa tat-triq. Il-konvenut da parti tieghu jghid li hu kien quddiem, u li l-attrici habtet mieghu meta ppruvat taqilghu mill-inner lane. It-Tribunal ghandu ghalhekk il-kompitu li jara liema wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija konsonanti mad-dinamika tal-incident. It-Tribunal qies is-segwenti fatturi:**

1. **Huwa iktar verosimili li l-attrici kienet quddiem it-trakk, milli vice versa, billi kif inhu notorjament maghruf iktar facli taccellera light car milli trakk kbir.**
2. **Kieku l-attrici ipprovat, minghajr success, taghmel manuvra ta' sorpass, id-daqqa l-ewwel li kienet tehodha kienet tkun mill-front right (mat-trakk) u/jew mill-front-left (mas-sigar jew bankina li kien hemm fil-gemb taghha tat-triq. Eppure l-hsara kienet migbura fuq il-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin, apparti fuq in-naha ta' taht tal-karozza.**
3. **it-trakk ma kellu ebda hsara fuq gembu. Il-hsara kienet ikkoncentrata fuq il-front left tal-vettura. Din il-lokalita' tal-hsara**

**hija ferm iktar konsonanti ma' daqqa mill-front left tat-trakk mal-gemb fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attrici huwa u jipprova jaqlaghha minn wara.**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident billi habat fil-karozza tal-attrici huwa u jaghmel manuvra ta' sorpass, u jikkundannah ghas-somma ta' LM383.98c danni sofferti mill-attrici, bl-ispejjez tal-istanti inkluzi dawk tal-avukat difensur tal-attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**